**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR MARSETTE PORTELLI XERRI**
LL.B, LL.D, M.A.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 14 ta' Frar, 2024**

Kawża Numru: 16/2022 (MPX)

**Ruth Azzopardi**

**vs**

**L-Avukat Dottor Joseph Grech,**
**mahtur bhala deputat kuratur ta'**
**David Peter Harris**

**Preliminari**

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba tal-attrici, fejn ippremettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lill-istess attrici, in konnessjoni mat-trobbija tal-bint minuri Aurora Harris Azzopardi, is-somma kumplessiva ta' erbat elef, disa' mija u tletin Ewro (€4,930), rapprezentanti kwantu ghal elfejn, sitt mija u disghin Ewro (€2,690) mizata tal-iskola mill-1 ta' Jannar, 2020 sal-31 ta' Dicembru, 2020, u kwantu ghal elfejn, mitejn u erbghin Ewro (€2,240), tmienja u ghoxrin (28) gimgha manteniment ghas-sena 2021. Dan ai termini tal-kuntratt maghmul fit-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018), fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Dimech.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi biex ihallas, izda baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant, il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont dovut ta' erbat elef, disa' mija u tletin Ewro (€4,930), bl-imghax minn meta saru dovuti u l-ispejjez ta' din il-procedura u dawk ulterjuri riservati.

Ra illi fis-27 ta' Settembru, 2023, gie mahtur Dr Joseph Grech bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-konvenut assenti;

Ra li minkejja li Dr Joseph Grech kien gie debitament notifikat fl-4 ta' Ottubru, 2023, bid-digriet tal-appuntament tieghu u bl-avviz tat-talba, huwa baqa' ma dahhal l-ebda risposta entro t-terminu moghti lilu mil-ligi, u ghaldaqstant, gie ddikjarat bhala kontumaci f'dawn il-proceduri. Dan in vista wkoll tal-fatt li ma deherx ghas-smiegh ta' dan il-kaz sabiex jikkontesta dak reklamat mill-attrici;

Ra l-kuntratt ta' separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet, maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Dimech, datat it-12 ta' Mejju, 2018;

Ra x-xhieda moghtija mill-attrici, fejn ikkonfermat illi ma rceviet xejn minn dak minnha pretiz permezz ta' dawn il-proceduri minghand il-konvenut;

Ra l-atti processwali kollha.

**Ikkunsidra**

Ghalkemm jirrizulta li l-konvenut baqa' kontumaci f'dawn il-proceduri, il-kontumacja m'hijiex ekwivalenti ghal ammissjoni tat-talbiet attrici. L-attrici, ghalhekk, xorta baqghet taht l-obbligu li hija tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi fi proceduri civili.

Fix-xhieda moghtija minnha fis-seduta tal-24 ta' Novembru, 2023, l-attrici kkonfermat bil-gurament taghha illi l-ammont dovut lilha minn David Peter Harris huwa dak ta' erbat elef, disa' mija u tletin Ewro (€4,930), rapprezentanti mizati tal-iskola u manteniment, mil-liema ammont xehdet li ma thallset xejn.

It-Tribunal m'ghandux ghalfejn ma jemminx il-verzjoni moghtija mill-attrici, mhux kontradetta, u jqis, ghalhekk, illi t-talba tal-attrici timmerita li tigi milqugha. L-ispejjez tal-prezenti procedura ghandhom ukoll ikunu a karigu tal-konvenut *nomine*.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq espressi u l-konsiderazzjonijiet hemm maghmula, dan it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba tal-attrici u jikkundanna lill-konvenut *nomine* sabiex ihallas lill-attrici l-ammont ta' erbat elef, disa' mija u tletin Ewro (€4,930), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' din is-

sentenza sad-data tal-effettiv pagament. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut *nomine*.

(ft) Dr Marsette Portelli Xerri LL.D.
*Gudikant*

(ft) Vanessa Marie Refalo
*Għar-Reġistratur*

Vera Kopja

Għar-Reġistratur